



Dokument ta' sessjoni

A9-0059/2024

23.2.2024

***|

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li testendi d-Direttiva [XXXX] għal-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru
(COM(2023)0698 – C9-0398/2023 – 2023/0393(COD))

Kumitat għall-Impjieg i l-Affarijiet Soċjali
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

(Proċedura b'kumitat konġunt – l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

Rapporteurs: Antonius Manders, Alice Kuhnke

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu █ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċeżżjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mħuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	4
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRČEVET KONTRIBUT MINGĦANDHOM	22
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	23
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	24

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li testendi d-Direttiva [XXXX] għal ċittadini ta' pajiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru (COM(2023)0698 – C9-0398/2023 – 2023/0393(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0698),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0398/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' xx.xx.2023¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' xx.xx.2023²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impieggi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0059/2024),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. x./Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² ĠU C xxx, xx.xx.xxxx, p. x./Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1

Test propos mill-Kummissjoni

(1) Sabiex jiġi ffaċilitat ***l-eżerċizzju tad-drittijiet minn*** persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn jew iżżuru Stat Membru ieħor għal perjodu qasir, id-Direttiva/... [proposta għal Direttiva] ⁷stabbiliet il-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż ***mudell standardizzat*** komuni, għal Kard tal-UE tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus ta' diżabilità rikonoxxut ***għall-aċċess ta' kundizzjonijiet*** speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà wiesgħa ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni, u għal Kard ***Ewropee*** għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom ***għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ*** riżervati għall-persuni b'diżabilità⁸.

Emenda

(1) Sabiex jiġi ffaċilitat ***id-dritt għal-libertà ta' moviment ta'*** persuni b'diżabilità meta jivvjaġġaw lejn jew iżżuru Stat Membru ieħor għal perjodu qasir, id-Direttiva/... [proposta għal Direttiva]⁷ stabbiliet il-qafas, ir-regoli u l-kundizzjonijiet komuni, inkluż ***format standardizzat*** komuni ***u aċċessibbli***, għal Kard tal-UE tad-Diżabilità bħala prova tal-istatus ta' diżabilità rikonoxxut ***biex jaċċedu għal u jibbenefikaw, f'termini u f'kundizzjonijiet ugwali, minn kwalunkwe kundizzjoni*** speċjali jew trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati jew awtoritajiet pubbliċi f'varjetà wiesgħa ta' servizzi, attivitajiet u faċilitajiet, inkluż meta ma jkunux ipprovduti għal remunerazzjoni, u għal Kard ***Ewropee*** għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità, bħala prova tad-dritt rikonoxxut tagħhom ***għal kwalunkwe kundizzjoni u faċilità ta' parkeġġ*** riżervati għall-persuni b'diżabilità⁸ ***fi Stat Membru għajr dak fejn huma residenti.***

⁷ COM(2023) 512 final

⁸ COM(2023) 512 final

⁷ COM(2023) 512 final

⁸ COM(2023) 512 final

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 2

Test propos mill-Kummissjoni

(2) Biex ***tingħata ghajjnuna lill-Istati*** Membri ***biex*** jirrispettaw u jissodisfaw l-

Emenda

(2) Biex ***jiġi żgurat li l-Istati*** Membri jirrispettaw u jissodisfaw l-obbligi

obbligi **nazzjonali** tagħhom ta' trattament ugwali u nondiskriminazzjoni vis-à-vis persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajiżi terzi legalment residenti fit-territorju tagħhom u li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [XXXX], u jiġi għarantit ir-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membri kollha, b'hekk jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u jiġu żgurati l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni **aktar effettivi** fis-soċjetà ta' persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajiżi terzi fuq bażi ugwali maċ-ċittadini tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu estiżi r-regoli, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva./.... għal persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

tagħhom ta' trattament ugwali, **inklużjoni** u nondiskriminazzjoni **skont id-dritt internazzjonali, tal-Unjoni u dak nazzjonali** vis-à-vis persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajiżi terzi legalment residenti fit-territorju tagħhom u li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva [XXXX], u jiġi għarantit ir-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membri kollha, b'hekk jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u jiġu żgurati l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni **effettivi u sħaħ** fis-soċjetà ta' persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajiżi terzi fuq bażi ugwali maċ-ċittadini tal-Unjoni, huwa meħtieġ li jiġu estiżi r-regoli, id-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva./.... għal persuni b'diżabilità li huma ċittadini ta' pajiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) F'konformità mal-Artikolu 67(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-persuni apolidi jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala ċittadini ta' pajiżi terzi għall-fini ta' din id-Direttiva.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 2b (ġdida)

(2b) *Iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma applikanti għall-ażil li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru, li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ġie rikonoxxut minn dak l-Istat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni jītqiesu li huma koperti minn din id-Direttiva.*

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 3

(3) Għalhekk, l-Istati Membri **għandhom** jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà, il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar, ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni tad-data tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità bħala prova rispettivament ta' status ta' diżabilità jew ta' dritt għall-kundizzjonijiet u **l-faċilitajiet tal-parkeġġ** riżervati għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll id-drittijiet għall-benefiċjarji, inkluż l-aċċess **fuq termini u kundizzjonijiet** ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta **ma jkunux ipprovdu għal remunerazzjoni**, jew kundizzjonijiet ta' parkeġġ u **faċilitajiet** offruti lil jew riżervati għal persuni b'diżabilità jew għal persuni li jakkumpanjawhom jew li **jgħinuhom inklużi l-assistenti** personali tagħhom, stabbiliti fid-Direttiva ./. ., japplikaw bl-istess mod għal-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-Unjoni u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt

(3) Għalhekk, l-Istati Membri **jenħtieġ li** jieħdu l-miżuri meħtieġa **kollha** biex jiżguraw li r-regoli li jirregolaw l-eliġibbiltà, il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar **u l-appell tagħhom**, ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni tad-data tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għal persuni b'diżabilità bħala prova rispettivament ta' status ta' diżabilità jew **ta' intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' diżabilità, jew ta' dritt għall-kundizzjonijiet u** **għall-faċilitajiet ta' parkeġġ** riżervati għall-persuni b'diżabilità, kif ukoll id-drittijiet għall-benefiċjarji, inkluż l-aċċess **f'termini u f'kundizzjonijiet** ugwali għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta **mogħtija mingħajr ħlas**, jew kundizzjonijiet **u faċilitajiet** ta' parkeġġ offruti lil, jew riżervati għal, persuni b'diżabilità jew għal **persuna/persuni** li **takkumpanjawhom/jakkumpanjawhom** jew li **tassistihom/jassistuhom, inkluż(i) l-assistent(i)** personali tagħhom, **irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom, jew l-animali ta' assistenza,**

tal-Unjoni.

bħall-klieb gwida u l-klieb ta' assistenza, stabbiliti fid-Direttiva /..., japplikaw blistess mod għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-Unjoni u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Il-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità jenħtieġ li jkunu mingħajr ħlas. Il-ħruġ mill-ġdid ta' dik il-kard f'każijiet ta' telf jew ta' ħsara jista' jkun soġġett għal tariffa. Il-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità jistgħu jkunu mingħajr ħlas jew soġġetti għal tariffa. Jenħtieġ li kemm it-tariffa li għandha possibbilment tkun imposta għall-ħruġ mill-ġdid tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità f'każ ta' telf jew ta' ħsara kif ukoll it-tariffa li għandha possibbilment tkun imposta għall-ħruġ u t-tiġdid tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità la jaqbżu l-kostijiet amministrattivi kkonċernati u lanqas jipprevjenu jew jiskoraġġixxu lill-persuni b'diżabilità milli jakkwistaw jew jakkwistaw mill-ġdid dawk il-kards. Meta l-Istati Membri joħorġu l-Kard tal-UE tad-Diżabilità direttament, jenħtieġ li jintalab il-kunsens tal-persuna kkonċernata. Iċ-ċittadini b'diżabilità ta' pajjiżi terzi jenħtieġ li jkunu infurmati kif xieraq, b'lingwa li jifhmu, dwar il-possibbiltà li japplikaw għall-Kard tal-UE tad-Diżabilità meta din ma tinħariġx direttament.

Emenda 7

**Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3b) Il-Kard tal-UE tad-Diżabilità tista' tkun meħtieġa bħala prova tal-istatus ta' diżabilità sabiex jinkiseb aċċess, f'termini u f'kundizzjonijiet ugwali, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali fir-rigward ta' servizzi, attivitajiet jew faċilitajiet, inkluż meta mogħtija mingħajr īħlas, offruti lil, jew riżervati għal, persuni b'diżabilità jew persuni li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom, inklużi l-assistenti personali tagħhom, skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, jenħtieġ li Kard tal-UE tad-Diżabilità ma tkunx meħtieġa bħala prova tad-diżabilità sabiex jinkiseb aċċess jew jiġi eżerċitat kwalunkwe drid previst f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali, inklużi dawk li jagħtu benefiċċji speċifiċi, kundizzjonijiet speċjali, jew trattament preferenzjali li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Meta ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità jista' jkun meħtieġ f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kard tal-UE tad-Diżabilità ma tkunx meħtieġa wkoll bħala prova tad-diżabilità, sakemm Stat Membru ma jiddeċidix li jgħaqqad iċ-ċertifikat nazzjonali, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor għall-persuni b'diżabilità mal-Kard tal-UE tad-Diżabilità.

Emenda 8

**Proposta għal direttiva
Premessa 3c (ġdida)**

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(3c) L-assistenti personali li jakkumpanjaw jew jassistu lill-persuni b'diżabilità jew jagħmlu attivitajiet tal-ħajja ta' kuljum, jekk ikun hemm bżonn fil-qafas ta' relazzjoni kuntrattwali, f'konformità mal-prassi u mad-dritt nazzjonali, bl-objettiv li jinkoraġġixxu l-awtonomija personali, jikkontribwixxu għat-tishħiħ tal-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà, jiffaċilitaw il-ħajja tal-komunità u jippromwovu ħajja indipendenti. L-assistenti personali, irrispettivamente miċ-ċittadinanza tagħihom, jenħtieġ li jkunu jistgħu jakkumpanjaw jew jassistu lill-persuni b'diżabilità bl-użu tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità jew tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ġħall-persuni b'diżabilità waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru għajr dak li fih ikunu residenti, dment li jgawdu mid-dritt li jiċċaqilqu fl-Unjoni skont id-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali applikabbi. Il-persuni li jakkumpanjaw jew li jassistu persuni b'diżabilità huma ddeżinjati mill-persuni b'diżabilità nnifishom jew mit-tuturi legali tagħhom u jistgħu jinbidlu fuq bażi ad hoc skont ir-rekwiżiti tal-persuni b'diżabilità.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Premessa 3d (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(3d) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw il-konformità ma' din id-Direttiva u għalhekk jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri xierqa, inklużi kontrolli dwar il-konformità u proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji, biex jiggħarantixxu li l-persuni b'diżabilità, il-persuni li jakkumpanjawhom jew

jassistuhom, inklużi l-assistenti personali, kif ukoll il-korpi pubbliċi bħal korpi tal-ugwaljanza, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet b'mod partikolari organizzazzjonijiet rappreżentattivi ta' persuni b'diżabilità jew entitajiet legali privati oħra li għandhom interess leġittimu li jiżguraw li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, ikunu jistgħu jieħdu azzjoni f'isem, jew b'appoġġ ta', persuni b'diżabilità, bl-approvazzjoni tagħhom, skont l-proċeduri u id-dritt nazzjonali. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawk id-dispożizzjonijiet iqisu l-Artikolu 13 tal-UNCRPD u l-prinċipju ta' akkomodazzjoni ragħonevoli tal-UNCRPD.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 3e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3e) L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, jenħtieġ li jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jipprevjenu kwalunkwe riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi b'rabta mal-Kard tal-UE tad-Diżabilità jew mal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ġħall-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li jiġi għieldu b'mod attiv kontra l-ħruġ u l-użu frawdolenti kif ukoll il-falsifikazzjoni ta' dawk il-kards. L-Istati Membri jenħtieġ li jiskambjaw informazzjoni fir-rigward ta' dawn il-każijiet ta' ħruġ u użu frawdolenti kif ukoll falsifikazzjoni biex jiżguraw fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri peress li r-rikonoxximent reċiproku tal-istatus ta' diżabilità huwa l-pedament tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ġħall-persuni b'diżabilità. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li kwalunkwe mīżura meħħuda għall-prevenzjoni tar-riskju ta' falsifikazzjoni jew frodi jenħtieġ li tirrispetta d-drittijiet

tal-persuni b'diżabilità u jenħtieġ li ma twassalx għall-istigmatizzazzjoni tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkonsultaw lill-persuni b'diżabilità u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fit-tfassil u fl-implementazzjoni tal-miżuri.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Premessa 3f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3f) Jenħtieġ li l-informazzjoni rilevant kollha, fir-rigward tal-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattiki, u l-proċeduri applikabbi biex jinkisbu l-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u l-użu sussegwenti tagħhom, issir disponibbli għall-pubbliku mill-Istati Membri b'mod ċar, komprensiv, li jkun faċili għall-utent u b'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà rilevant għas-servizzi stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882 inklużi l-lingwa tas-sinjali, il-braille, il-formati ta' assistenza u l-karatteristiċi tal-awdjo avvanzati, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istati Membri jkunu jafu bid-drittijiet tagħhom u bil-proċess ta' applikazzjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom l-għan li jiżguraw li l-informazzjoni ma taqbiżx livell ta' kumplessità għola mil-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa.

Emenda 12

**Proposta għal direttiva
Premessa 3g (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3g) *Iċ-ċittadini b'diżabilità ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari n-nisa u l-bniet, jinsabu f'riskju akbar li jkunu soġġetti għal diskriminazzjoni intersezzjonali. Il-UNCRPD tgħid li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma soġġetti għal forom multipli ta' diskriminazzjoni, u għaldaqstant l-Istati Parti jenħtieġ li jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li jgawdu b'mod sħiħ u ugwali mid-drittijiet tal-bniedem u mil-libertajiet fundamentali kollha. Tirrikonoxxi wkoll il-kundizzjonijiet diffiċli li qed isibu quddiemhom il-persuni b'diżabilità li huma soġġetti għal forom multipli u aggravati ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-razza, il-kulur, is-sess, il-lingwa, ir-religion, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, il-proprietà, it-twelid, l-età, il-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-orientazzjoni sesswali jew il-karatteristiċi sesswali jew status ieħor.*

Emenda 13

**Proposta għal direttiva
Premessa 3h (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3h) *L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ għall-2020-2025 tixħet dawl fuq il-fatt li l-persuni LGBTIQ+ b'diżabilità jistgħu jsibu quddiemhom aktar diffikultajiet biex jiksbu appoġġ u informazzjoni, kif ukoll biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja fil-komunità u fis-soċjetà f'sens ġenerali.*

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Premessa 3i (ġdida)**

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(3i) L-UNCRPD tirrikonoxxi l-prinċipju tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-fatt li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma spiss f'riskju akbar ta' diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali u soġġetti għaliha, u li l-Istati Parti għall-UNCRPD jenħtieġ li jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw li jgawdu b'mod sħiħ u ugħalli mid-drittijiet tal-bniedem u mil-libertajiet fundamentali kollha. Huwa imperattiv li jiġi rikonoxxut li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma vittmi tad-diskriminazzjoni f'ħafna oqsma tal-ħajja. Għalhekk, il-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ġħall-persuni b'diżabilità jrid ikollhom prospettiva ċara tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jikkontribwixxu għat-titjib tal-moviment liberu, speċjalment għan-nisa u l-bniet b'diżabilità. Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li għaliha l-Unjoni hija parti, jenħtieġ li tiggwida wkoll it-twaqqif u l-implementazzjoni tal-Kard tal-UE tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ ġħall-persuni b'diżabilità f'dak il-kuntest.

Emenda 15

**Proposta għal direttiva
Premessa 3j (ġdida)**

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(3j) Jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rapport li jinkludi analiżi ta' sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni intersezzjonali, li hija mifħuma bħala diskriminazzjoni bbażata fuq taħlita ta'

diżabilitajiet u kwalunkwe raġuni oħra protetta skont id-Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE jew 2004/113/KE, kif ukoll raġunijiet oħra, bħar-razza, il-kultur, is-sess, il-lingwa, ir-religion, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, il-proprietà, it-twelid, l-età, il-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru, l-identità tal-ġeneru, l-orientazzjoni sesswali jew il-karatteristiċi sesswali jew status ieħor, b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità.

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax ir-regoli applikabbi tal-Unjoni li jirregolaw il-mobbiltà fl-Unjoni kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment residenti fi Stat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, iżda minflok jenħtieġ li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw meta digħà jkollhom dan id-dritt għall-mobbiltà.

Emenda

(5) Din id-Direttiva jenħtieġ li ma taffettwax ir-regoli applikabbi tal-Unjoni li jirregolaw il-mobbiltà fl-Unjoni kollha ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment residenti fi Stat Membru, u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, iżda minflok jenħtieġ li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom li jiċċaqilqu jew jivvjaġġaw meta digħà jkollhom dan id-dritt għall-mobbiltà. **Huwa importanti li l-persuni soġġetti għal-deċiżjoni ta' ritorn u li t-tnejħħija tagħhom tkun ġiet sospiża abbażi tal-fatt jew tad-dritt ikunu jistgħu jibbenefikaw b'mod ugħalli minn din id-Direttiva. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li jkunu jistgħu jakkwistaw status legali xieraq mill-Istati Membri li jippermettilhom jagħmlu dan. Għall-fini ta' din id-Direttiva, ir-residenza legali ta' ċittadin ta' pajjiżi terz fit-territorju ta' Stat Membru għandha tkun stabilita abbażi tal-istatus mogħi minn dak l-Istat Membru skont id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali, irrispettivav mid-durata ta' dan l-**

istatus.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propos mill-Kummissjoni

(8) **Peress** li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu ffaċilitati l-possibbiltajiet **ta' moviment**, jew **ivvjaġġar** lejn Stati Membri oħra, għal persuni b'diżabilità (jew **dawk** li jakkumpanjawhom jew **li jgħinuhom**), li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew ivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

Emenda

(8) **Minħabba** li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri **li jissaħħaħ l-eżerċizzju tad-drittijiet għal-libertà tal-moviment tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll** li jiġu ffaċilitati l-possibbiltajiet **li jiċċaqilqu** jew **ivvjaġġaw** lejn Stati Membri oħra għal persuni b'diżabilità jew **għal dawk** li jakkumpanjawhom jew **jassistuhom, inklużi l-assistenti personali tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom**, li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru u li huma intitolati li jiċċaqilqu jew ivvjaġġaw lejn Stati Membri oħra f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jista', minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni li tistabbilixxi qafas b'regoli u kundizzjonijiet komuni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-objettiv.

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 8a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) **Skont [id-Direttiva (UE) XXXXX],**

l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali, it-trattament preferenzjali u l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità b'mod ċar, komprensiv u li jkun faċli għall-utent kif ukoll f'formati aċċessibbli. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu wkoll lill-operaturi privati li joffru kundizzjonijiet speċjali, trattament preferenzjali jew kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità biex jagħmlu dan. Il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tistabbilixxi sit web uniku ddedikat għall-Unjoni f'konformità mal-Artikolu [15a] ta' dik id-Direttiva. L-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu u jaġġornaw sit web nazzjonali b'dik l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu [15] ta' dik id-Direttiva.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli stabbiliti fid-[Direttiva (UE) XXXXX] japplikaw għal ċittadini ta' pajiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva li l-istatus ta' diżabilità u/jew id-drittijiet tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità jkunu ġew rikonoxxuti mill-Istat Membru ta' residenza tagħhom, kif ukoll għal persuni li *jakkumpanjawhom* jew *li jgħinuhom*, inklużi *assistenti personali skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt* (d) ta' dik id-Direttiva.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli, *id-drittijiet u l-obbligi* stabbiliti fid-[Direttiva (UE) XXXXX] japplikaw għal ċittadini ta' pajiżi terzi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva *u* li l-istatus ta' diżabilità u/jew id-drittijiet tagħhom għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għal persuni b'diżabilità jkunu ġew rikonoxxuti mill-Istat Membru ta' residenza tagħhom, kif ukoll għal *kwalunkwe persuna* li *takkumpanjawhom* jew *tassistihom*, inklużi *l-assistenti personali tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom, kif ukoll għal* *animali ta' assistenza, kif definiti fl-Artikolu 3, il-punti* (d) *u (h)* ta'

dik id-Direttiva.

Emenda 20

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa r-regoli applikabbli tal-Unjoni li jirregolaw il-mobbiltà fl-Unjoni kollha, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

Emenda

(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)

Emenda 21

Proposta għal direttiva Artikolu 3a (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3a

1. *L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet, ir-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għattiġid jew għall-irtirar ta' Kard tal-UE tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terz u li jirrisjedu legalment fit-territorju tagħhom disponibbli għall-pubbliku u f'formati aċċessibbli, inklużi f'formati digħiġili u faċċi biex jinqraw, u fuq talba, f'formati ta' assistenza mitluba minnhom u b'lingwa li huma jistgħu jifhmu.*

2. *Il-Kard tal-UE tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġeadded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew b'applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità jew minn persuna awtorizzata, skont id-dritt nazzjonali. Il-persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu infurmati, b'lingwa li jifhmu, dwar il-possibbiltà li jaapplikaw għall-Kard tal-UE tad-Diżabilità meta din*

ma tinħariġx direttament. Din għandha tinħareġ u tiġġedded mingħajr ħlas lill-benefiċjarju, fl-istess perjodu għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' dīzabilità, kards tad-dīzabilità jew kwalunkwe dokument formal ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' dīzabilità jew l-intitolament għal servizzi speċifiċi abbażi ta' dīzabilità. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jimponu tariffa għall-kostijiet b'rabta mal-ħruġ mill-ġdid tal-kard f'każijiet ta' telf jew ta' ħsara. F'każ ta' tariffa, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffa ma taqbix il-kostijiet amministrattivi kkonċernati jew ma tiskoraġġix lill-persuni b'dīzabilità milli jitkolu mill-ġdid il-kard.

Emenda 22

Proposta għal direttiva Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 3b

- 1. Il-Kummissjoni għandha tinforma kif xieraq lill-Parlament Ewropew dwar il-miżuri tal-dritt nazzjonali li l-Istati Membri jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.*
- 2. Sa ... [tliet snin mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva], u kull erba' snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kunitat tar-Reġjuni, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.*
- 3. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jindirizza, fost l-oħra, fid-dawl tal-iżviluppi soċċali, ekonomiċi, teknoloġiċi u żviluppi rilevanti oħra, l-użu tal-Kard tal-UE tad-Dīzabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'dīzabilità, b'mod partikolari l-impatt ta' kwalunkwe tariffa fejn*

rilevanti, il-punt sa fejn l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tkun laħġet l-objettivi tagħha u l-interazzjoni tagħha ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-ħtieġa għar-rieżami ta' din id-Direttiva. Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll analiżi ta' sitwazzjonijiet speċifiċi ta' żvantaġġ li jirriżultaw minn diskriminazzjoni intersezzjonal, li hija mifħuma bħala diskriminazzjoni bbażata fuq taħlita ta' diżabilitajiet u kwalunkwe ragħuni oħra protetta skont id-Direttivi 79/7/KEE, 2000/43/KE, 2000/78/KE jew 2004/113/KE, kif ukoll ragħunijiet oħra b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet b'diżabilità.

4. Sa ... [sena mid-data tal-applikazzjoni], il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni dwar kwalunkwe lakuna li jifdal b'rabta mal-moviment liberu tal-persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq l-eżitu ta' din il-valutazzjoni meta tiddeċċiedi jekk azzjoni ulterjuri fil-livell tal-Unjoni hijiex meħtieġa biex jiġu indirizzati tali lakuni.

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jadottaw ***u jippubblikaw, sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġibok dħħal id-data ta' traspożizzjoni*** tad-Direttiva adottata fil-proċedura 2023/0311 (COD)], ***il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva***. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet ***lill-Kummissjoni***.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jadottaw ***il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ... [data tat-traspożizzjoni*** tad-Direttiva adottata fil-proċedura 2023/0311 (COD)]. Huma għandhom jikkomunikaw ***lill-Kummissjoni*** minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Emenda 24

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ***t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali*** tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Emenda

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni ***sa ... [data tat-traspożizzjoni tad-Direttiva adottata fil-proċedura 2023/0311(COD)]***, ***it-test tal-miżuri*** tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRČEVIEK KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
European Disability Forum (EDF)

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

PROCÉDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	L-estensiuni tad-Direttiva [XXXX] għal ċittadini ta' paxjiżi terzi li jirrisjedu legalment fi Stat Membru		
Referenzi	COM(2023)0698 – C9-0398/2023 – 2023/0393(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	31.10.2023		
Kumitati responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 18.1.2024	LIBE 18.1.2024	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Antonius Manders 18.12.2023	Alice Kuhnke 18.12.2023	
Artikolu 58 – Proċedura b'kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	18.1.2024		
Data tal-adozzjoni	22.2.2024		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	61 2 7	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdalena Adamowicz, João Albuquerque, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Vladimír Bilčík, Gabriele Bischoff, Malin Björk, Patrick Breyer, Milan Brglez, Jordi Cañas, David Casa, Clare Daly, Margarita de la Pisa Carrión, Jarosław Duda, Lena Dupont, Cindy Franssen, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Agnes Jongerius, Marina Kaljurand, Radan Kanev, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Stelios Kympouropoulos, Jeroen Lenaers, Pina Picierno, Emil Radev, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Antonio Maria Rinaldi, Birgit Sippel, Sara Skyttedal, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Beata Szydło, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Romana Tomc, Jana Toom, Tom Vandendriessche, Marianne Vind, Elena Yoncheva		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Marc Botenga, Krzysztof Brejza, Gwendoline Delbos-Corfield, Beata Kempa, Aurore Lalucq, Antonius Manders, Anne-Sophie Pelletier, Wolfram Pirchner, Thijs Reuten		
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Katalin Cseh, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Vlad Gheorghe, Mónica Silvana González, Christophe Grudler, Francisco Guerreiro, Romana Jerković, Séán Kelly, Guy Lavocat, Margarida Marques, Marisa Matias, Karen Melchior, Tilly Metz, Ana Miranda, Caroline Roose		
Data tat-tressiq	26.2.2024		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

61	+
PPE	Magdalena Adamowicz, Vladimír Bilčík, Krzysztof Brejza, David Casa, Jarosław Duda, Lena Dupont, Cindy Franssen, Radan Kanev, Séan Kelly, Stelios Kympouropoulos, Jeroen Lenaers, Antonius Manders, Wolfram Pirchner, Emil Radev, Dennis Radtke, Romana Tomec
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Jordi Cañas, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Christophe Grudler, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Guy Lavocat, Karen Melchior, Ramona Strugariu, Jana Toom
S&D	João Albuquerque, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Mónica Silvana González, Evin Incir, Romana Jerković, Agnes Jongerius, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Aurore Lalucq, Margarida Marques, Pina Picciotto, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Marianne Vind, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, Marc Botenga, Clare Daly, Marisa Matias, Anne-Sophie Pelletier
Verts/ALE	Patrick Breyer, Gwendoline Delbos-Corfield, Francisco Guerreiro, Tilly Metz, Ana Miranda, Caroline Roose, Tineke Strik

2	-
PPE	Sara Skyrteidal, Tomas Tobé

7	0
ECR	Beata Kempa, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Beata Szydło
ID	Antonio Maria Rinaldi, Annalisa Tardino, Tom Vandendriessche

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni